CCT/73/25/S

Nicholas Busuttil Dougall

Vs

Tonio Zammit eżerċenti l-kummerċ bħala tal-Ħsajjar Decorator

Illum 16 t' Ottubru,2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ppreżentata minn Nicholas Busuttil Dougall fis-7 ta' April, 2025, kif ukoll notament mir-rappreżentant tal-Maltapost plc illi l-inkartament u cioe' it-Talba kif ukoll l-Avviż tas-smiegħ ġiet rifjutata daparti tal-intimat u dan fl-14 ta' Mejju 2025.

Ra d-dokumenti ppreżentati, u sema' x-xhieda tar-rikorrenti.

Ikkunsidra,

Illi din il-pendenza tirrigwarda ħasira li saret mil-intimat lir-rikorrenti biex dan jghatti il-ġenb tad-dar tiegħu minħabba ix-xemx.

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrenti Nicholas Busuttil Dougall spjega kif kien aċċetta kwotazzjoni magħmula mill-intimat f'Ottubru 2022, liema kwotazzjoni kienet ta' elfejn erba' mijja u ħamsa u erbgħajn Ewro (€2,445) wara li l-istess intimat Tonio Zammit kien ġie fuq il-post u ħa il-qisien ta' fejn riedet issir il-ħasira.

Illi skont ir-rikorrenti, wara sena innota li l-ħbula li kienu jżommu l-istess ħasira bdew jiddisintegraw u kif jidher fir-ritratti ppreżentati, din il-ħasira bdiet taqa' biċċiet.

Illi skont ir-rikorrenti għalkemm ta żmien lill-intimat biex jiġi jirranġa l-istess ħasira, dan baqa' inadempjenti mingħajr ma offra la soluzzjoni u lanqas raġuni għajr li fl-aħħar l-intimat qal lir-rikorrenti li kien xolja l-kumpanija.

Illi t-Tribunal iħoss illi t-talba rikorrenti għandha tintlaqa' fl-intier tagħha iktar u iktar meta l-intimat irrifjuta t-Talba kif ukoll l-Avviż tas-smiegħ u għalhekk ma ressaq ebda kontestazzjoni jew raġuni għaliex it-talba rikorrenti ma kelliex tintlaqa' minn dan it-Tribunal.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Nicholas Busuttil Dougall u Jordna lil Tonio Zammit eżerċenti l-kummerċ bħala tal-Ħsajjar Decorator biex iħallas lil Nicholas Busuttil Dougall is-somma ta' €2,445.11 bl-interessi jibdew jiddekorru mid-data tal-llum u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mil-intimat Tonio Zammit eżerċenti l-kummerċ bħala tal-Ħsajjar Decorator.

Richard Sladden Av.
Arbitru